MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 1698/2010

**Clinton Francis Micallef**
**(ID494183-M)**

**vs**

**Rayscon Briffa**
**(ID549890-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi matul il-perjodu 2008 – 2009, l-attur kien jokkupa l-kariga ta' kaxxier fi hdan il-kazin 'Ghaqda Banda Zejtun' mentri l-konvenut Briffa kien jikri l-bar tal-imsemmi kazin bil-prezz ta' elf, mitejn u hamsa u tmenin Ewro (€1,285) fix-xahar, liema kera kienet tithallas bix-xahar b'lura;

Illi l-konvenut kien naqas milli jhallas il-kera ghax-xahar ta' April 2009, u l-attur kien hallas din il-kirja huwa stess;

Illi ghaldaqstant l-attur qieghed permezz tal-prezenti jitlob li l-konvenut jigi kkundannat jirrifondih is-somma ta’ elf, mitejn u hamsa u tmenien Ewro (€ 1,285), bl-ispejjez tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li jinsab ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi (1) l-konvenut m’ghandu assolutament ebda ness la guridiku u lanqas fattwali mal-attur u l-eccipjenti qatt ma nkariga lill-attur biex ihallas xi kera ghan-nom tieghu kif qed jallega, u kwindi ghandu l-oneru li jipprova, l-attur. In fatti mhux minnu li l-attur hallas minn butu xi kirja ghall-eccipjenti peress li kif ser jirrizulta l-eccipjenti dejjem hallas il-kera. (2) Illi t-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ebda ammont kif mitlub m’hu dovut mill-konvenut. In fatti li gara hu li meta l-attur gie biex jispicca mill-kariga tieghu ta’ kaxxier kien hu li talab lill-eccipjenti sabiex ihallsu l-iskadenzi tal-kera sa April 2009 (data meta l-attur kien se jispicca) sabiex huwa jkun jista jghalaq il-kotba u kif ser jirrizulta ampjament mill-provi l-eccipjenti hekk ghamel u hallas lill-attur l-iskadenzi in kwistjoni biex l-attur jghaddihom lill-kumitat. U allura m’hu veru xejn li l-attur hallas xi kera minn butu. Tant hu hekk li anke wara li l-attur spicca mill-kariga, l-eccipjenti xorta kompla fil-kirja tieghu tal-kazin. (3) illi assolutament ma jirrizultawx l-estremi li trid il-Ligi biex tirnexxi l-azzjoni attrici. (4) Ghaldaqstant, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur jiddikjara illi fil-perjodu bejn l-2008 u l-2009 hu kien jokkupa l-kariga ta’ Tezorier fi hdan l-Ghaqda Banda Zejtun. Illi f’April 2009 hu ddecida illi jikkontesta l-elezzjonijiet ghall-kariga ta’ Vici President fi hdan il-

Kumitat, izda ma ntghazilx ghal din il-kariga. Illi ghalhekk sar biss socju fl-Ghaqda, u kellu jghaddi l-kotba li kien izomm lis-successur tieghu. Jghid ukoll illi f'dak l-istess zmien kien inbidel l-awditur tal-Ghaqda, u ghalhekk kien hemm xi ftit dewmien sakemm setghu jinghalqu l-kotba. Jghid ukoll illi waqt illi kien qed jikkonkludi l-eghluq tal-kotba, sab illi kien hemm diskrepanza fl-ammont li kellu jghaddi lill-Ghaqda fl-ammont ta' elf u mitt Ewro (€1,100), u minn verifiki li ghamel dak iz-zmien stabilixxa illi din id-diskrepanza kienet tikkonsisti f'xahar kera dovuti mill-konvenut. Din il-kera kienet ghax-xahar ta' April. Jghid ukoll illi din id-diskrepanza fil-konteggi ghamel tajjeb ghaliha hu stess, u hareg elf u mitt Ewro (€1,100) sabiex il-flus li finalment ghadda lill-Ghaqda jkunu jaqblu mac-cifri fil-kotba li kien qed izomm. Qal ukoll illi xi xhur wara, f'Awissu tal-istess sena, kien ikkuntattjah il-President tal-Kazin Joe Attard, u dan informah illi sabu zball fil-kotba, u dan fis-sens illi kien hemm transazzjoni li kienet tal-valur ta' hamsa u hamsin Ewro (€55) li giet indikata bhala transazzjoni ta' elf mija hamsa u hamsin Ewro (€1,155), u ghalhekk kien jidher li l-Ghaqda rceviet elf u mitt Ewro (€1,100) aktar milli fil-fatt kienu dovuti lilha.

Illi l-istess attur qed isostni illi l-konvenut kien qed ikun tardiv fil-pagamenti tal-kera, u skond l-istess attur kien jonqos li jigi mwettaq il-hlas ta' kera ghax-xahar ta' April 2009; li meta lill-konvenut talbu dan il-hlas, sabiex ikun jista' jaghlaq il-kotba, peress li ma kienx ser jibqa' jokkupa l-kariga ta' Tezorier, il-konvenut qallu li mbaghad jara meta ser jghaddihomlu. Illi l-hlas tal-kera kien fl-ammont ta' elf mitejn hamsa u tmenin Ewro (€1,285), u l-attur qed jitlob il-hlas ta' dan l-ammont minghand il-konvenut.

Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-President tal-Ghaqda, Joseph Attard, irrizulta illi skond il-kotba tal-Ghaqda, ebda arretrati ta' kera m'huma dovuti mill-konvenut lill-Ghaqda u dan ghall-perjodu li fih il-konvenut dam jiggestixxi l-Bar. Qal illi kien hemm ricevuta wahda ghal xahar kera li ma kienitx giet ikkonsenjata lill-konvenut, izda kienet baqghet fil-ktieb tar-ricevuti, izda jghid li ma setax jaghti spjegazzjoni ghal dan. Din kienet ir-ricevuta ghax-xahar ta' Marzu.

Illi skond id-deposizzjoni tal-Kaxxier attwali tal-Ghaqda, u cioe' Lawrence Bartolo, li beda jokkupa l-kariga ta' Kaxxier wara l-attur, ma kien hemm ebda pendenzi ta' kera ghaz-zmien li fih il-konvenut kien qed jiggestixxi l-bar fil-Kazin.

Illi l-konvenut, da parti tieghu, jsostni illi ebda arretrati ta' kera m'huma dovuti minnu ghall-perjodu ta' sena li fih dam jiggestixxi l-bar fil-Kazin tal-Banda in kwistjoni. Jghid ukoll illi l-hlas ghax-xhur ta' Marzu u April 2009 hallashom hekk kif talabhomlu l-attur, u dan fil-presenza ta' Aaron Cachia, li nzerta kien fil-bar fiz-zewg okkazjonijiet, u li kkonferma dan l-istat ta' fatt.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara illi meta gie sabiex irodd il-kotba li, fil-kwalita' tieghu ta' Kaxxier tal-Ghaqda Banda Zejtun, kien izomm ghall-perjodu li fih kien jokkupa l-kariga li waslet fit-tmiem taghha f'April 2009, hu sab illi kien hemm diskrepanza ta' elf u mitt Ewro (€1,100). Illi sabiex ic-cifri jigu jaqblu, hu ddecida illi johrog dan l-ammont ta' flus hu stess. Illi hu wasal ghall-konkluzjoni illi d-diskrepanza kienet skadenza ta' kera li kienet dovuta mill-konvenut in konnessjoni mal-gestjoni tal-Bar, u jghid ukoll illi din l-iskadenza ta' kera kienet ghax-xahar ta' April 2009. Jidher illi wasal ghal tali konkluzjoni a bazi tal-fatt illi l-konvenut kien qed ikun tardiv fil-hlas, u minflok li kien qed ihallas bil-quddiem, kien qed ihallas b' lura, u skond ir-ricevuti li gew ipprezentati, anke qrib xahar wara. Skond il-kopji tar-ricevuti li gew ipprezentati, il-kera thallset sa Marzu 2009. Il-kopji tar-ricevuti ghax-xhur ta' wara, u cioe' minn April 2009, ma gewx ipprezentati, u hadd mill-partijiet ma pprezentahom, jew talab li jigu pprezentati.

Illi ghalhekk it-Tribunal necessarjament irid jistrieh fuq ix-xhieda li nghatat f'dawn il-proceduri. Illi minn tali deposizzjoni, partikolarment dik li nghatat minn ufficjali fi hdan il-Kumitat tal-Ghaqda, irrizulta illi ma hemm ebda pendenzi ta' kera dovuti ghaz-zmien meta l-gestjoni tal-Bar fil-Kazin kienet f'idejn il-konvenut.

Illi l-attur iddikjara illi kien hemm zball f'xi ricevuta li giet rilaxxjata, u li din kellha taqra hamsa u hamsin Ewro (€ 55) u mhux elf mija hamsa u hamsin Ewro (€1,155), kif fil-fatt tnizzlet, bil-konsegwenza illi l-elf u mitt Ewro (€ 1,100) li l-attur hallas sabiex ic-cifri fil-kotba jkunu jaqblu, ma kienux dovuti.  Illi l-attur iddikjara illi hu talab lill-Kumitat ihallsu lura din is-somma flus, izda jidher illi dawn irrifjutaw.  Illi mhux daqstant car ghalfejn irrifjutaw li jaghmlu dan, ladarba rrizulta li kien hemm zball, izda l-attur jaghti x'jifhem illi huma rrifjutaw li jirrifonduh dan l-ammont ghaliex kien qed jaghmel tajjeb ghal skadenza kera li l-konvenut kien naqas milli jhallas.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, tali tezi ma treggix, ghaliex skond id-deposizzjoni li nghatat mill-istess attur permezz tal-affidavit li gie pprezentat minnu, hu qal illi "*Meta [i]ppreparajt kollox id-dar biex lil Lawrence intih kollox indunajt li meta qabbilt il-karti tad-dhul ma' kemm attwalment kelli flus ghandi rrizulta li kien hemm diskrepanza ta' €1,100.*"  Illi ghalhekk, u sa dan il-waqt, il-kera dovuta mill-konvenut sax-xahar ta' April 2009 necessarjament kienet imhallsa, ghaliex id-diskrepanza li rrizultat kienet ta' elf u mitt Ewro (€1,100), u mhux elf mitejn hamsa u tmenin Ewro (€1,285), u cioe' skadenza kera, ghaliex altrimenti d-diskrepanza kienet tkun ferm akbar, u ammontanti ghal elfejn tliet mija hamsa u tmenin Ewro (€2,385), u mhux elf u mitt Ewro (€ 1,100) biss. Illi l-istess attur imbaghad kompla jghid hekk; "*L-izball kien ghaliex kien hemm item ta' certu Anthony Bonnici li kien xtara madum minghand il-Kazin fejn flok €55 kont nizzilt €1,155 b'mod li l-Kazin gie li dahhal € 1,100 li fil-fatt ma dahhalhom ghaliex dawk l-€ 1,100 kont hrigthom jien mill-but.*"

Illi fil-fehma tat-Tribunal, ladarba rrizulta li kien hemm hlas ta' elf u mitt Ewro (€1,100) aktar minn dak li kien dovut, ghaliex fir-realta' kienu dovuti biss hamsa u hamsin Ewro (€55), u dawn thallsu, allura necessarjament isegwi illi tali ammont thallas mill-attur lill-Ghaqda inutilment.  Illi f'dak li jirrigwarda l-hlas ta' kera, u ladarba l-attur stess iddikjara li d-diskrepanza li rrizultatlu kienet ghall-ammont hawn

imsemmi ta' elf u mitt Ewro (€1,100) – u li eventwalment gie identifikat l-izball minn fejn origina – jwassal lit-Tribunal ghall-konkluzjoni illi mhux minnu li l-konvenut naqas milli jhallas skadenza kera u li din l-iskadenza kera gie kostrett li jhallasha l-attur sabiex jissana d-diskrepanza li kellu bejn ic-cifri fil-kotba u l-flus li kellu fil-pussess tieghu. Illi dan kollu ma jipprekludix lill-attur milli jitlob, u jinghata lura, l-ammont li hallas lill-Ghaqda, talvolta tali dritt jirrizulta. Madanakollu, u f'dak li jirrigwarda l-konvenut, ma rrizultax sodisfacentement illi dan ghandu xi pendenza mal-attur, u li ghandu jhallsu xi flus, u ghalhekk it-talba tal-attur qed tigi michuda.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------